

MT

MT

MT



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 18.11.2008
KUMM(2008) 777 finali

**IL-25 RAPPORT ANNWALI MILL-KUMMISSJONI
DWAR IL-KONTROLL TA' L-APPLIKAZZJONI TAD-DRITT KOMUNITARJU
(2007)**

{SEG(2008) 2854}
{SEG(2008) 2855}

IL-25 RAPPORT ANNWALI MILL-KUMMISSJONI

DWAR IL-KONTROLL TA' L-APPLIKAZZJONI TAD-DRITT KOMUNITARJU (2007)

1. INTRODUZZJONI

F'Settembru 2007 il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni dwar 'Ewropa li Tikseb ir-Riżultati – L-Applikazzjoni tad-Dritt Komunitarju'¹ li tasserixxi li se "tiżviluppa l-enfażi fir-Rapport Annwali tagħha fuq il-kwistjonijiet strateġiċi, l-evalwazzjoni tal-istat attwali tal-liġi fis-setturi differenti, prijoritajiet u l-ipprogrammar tax-xogħol għall-ġejjieni" sabiex "issostni d-djalogu interistituzzjonali strateġiku dwar il-portata sa fejn id-Dritt Komunitarju jilħaq l-għanijiet tagħha, il-problemi li tiltaqa' magħhom u s-soluzzjonijiet possibbli".

Dan ir-rapport jenfasizza l-isfidi fl-applikazzjoni tal-liġi, u jindika tlett oqsma prinċipali prijoritarji ta' azzjoni: 1) prevenzjoni, 2) informazzjoni u riżoluzzjoni ta' problemi għaċ-ċittadini, u 3) prijoritizzazzjoni fil-ġestjoni ta' ilmenti u ksur. Ir-rapport jinsisti dwar l-importanza ta' sħubija b'saħħitha bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, li jaħdmu fi gruppi tal-esperti sabiex jiġġestixxu l-applikazzjoni tal-istrumenti legali u jikkoperaw proattivament biex jirriżolvu l-problemi.

Dettalji ulterjuri dwar is-sitwazzjoni fis-setturi differenti tad-Dritt Komunitarju, kif ukoll il-listi u l-istatistiċi li jikkonċernaw il-każijiet kollha ta' ksur jinstabu fid-Dokumenti ta' Hídma tal-Persunal tal-Kummissjoni annessi ma' dan ir-rapport².

2. IS-SITWAZZJONI ATTWALI – KWSITJONIJIET U SFIDI

Bħala gwardjana tat-Trattat, il-Kummissjoni ngħatat l-awtorità u r-responsabbiltà li tiggarantixxi r-rispett tad-Dritt Komunitarju, filwaqt li tivverifika li l-Istati Membri jirrispettaw ir-regoli tat-Trattat u tal-leġiżlazzjoni Komunitarja. Ir-regoli tat-Trattat tal-KE, 10 000 regolamenti u iktar minn 1 700 direttiva li huma fis-seħħ għal 27 Stat Membru – jikkostitwixxu ġabra ta' liġijiet sostanzjali. Il-kwistjonijiet u l-isfidi fl-applikazzjoni tad-Dritt Komunitarju huma inevitabbilmement ħafna u differenti. Ċerti oqsma qed jiffaċċaw sfidi ta' implimentazzjoni li huma eżaminati fis-sezzjonijiet li ġejjin.

2.1. Ilmenti u Ksur

Il-proċess ta' ksur għandu rwol essenzjali sabiex jiggarantixxi l-applikazzjoni korretta tad-Dritt Komunitarju. Madwar 70% ta' l-ilmenti jistgħu jingħalqu qabel ma tintbagħat l-ittra ta' notifika formali; madwar 85% jingħalqu qabel l-opinjoni motivata; u għadd ta' 93% qabel deċiżjoni mill-Qorti.

Meta wieħed iqabbel l-1999-2002 ma' 1999-2006, iż-żmien medju sabiex jiġu pproċessati l-infrazzjonijiet, mill-ftuħ tal-każ sakemm tintbagħat l-ittra ta' referenza lill-Qorti tal-Ġustizzja

¹ COM(2007) 502, 5.9.2007.

² SEC(2008) 2854 u SEC(2008) 2855.

taħt l-Artikolu 226 tat-Trattat KE, niżel minn 28 xahar sa 23. Iż-żmien medju meħtieġ sabiex jiġu pproċessati l-proċedimenti għan-nuqqas ta' notifika ta' miżuri nazzjonali għat-traspożizzjoni ta' direttivi baqa' madwar 15-il xahar. Iż-żmien medju meħtieġ fuq każi bbażati fuq ilmenti u azzjonijiet ex officio niżel minn 39 xahar għal 35 xahar. Fl-2007, f'seba' każi kien hemm ħtieġa tat-tieni referenza lill-Qorti taħt l-Artikolu 228 tat-Trattat, ipparagunati ma' għaxra fl-2006.

Fl-aħħar tal-2007, il-Kummissjoni kienet qed tiġġestixxi iktar minn 3400 każ ta' ilmenti u infrazzjonijiet In-numru sħiħ ta' każi żdied b'5.9% minn 2006, b'żieda ta' 32.3% ta' proċedimenti għan-nuqqas ta' notifika ta' miżuri ta' traspożizzjoni. Kien hemm 35.9% mit-total li kienu lmenti, jew inkella żewġ terzi tal-każi kollha dwar kwistjonijiet li ma jirrigwardjawx traspożizzjoni tardiva, tnaqqis ta' 8.7% mill-2006. In-numru ta' każi ġodda ta' *ex officio* naqas b'9.4%. F'Jannar 2007 medja ta' 99,07% tan-notifiki meħtieġa li jitrassponu d-direttivi adottati kollha waslu, u telgħu għal 99,46 sal-aħħar tas-sena. B'paragun mat-98,93%, li telgħu għal 99,06% fl-2006. Madanakollu, kien hemm 64.55% tan-notifiki għal direttivi li kellhom data tal-għeluq fl-2007 li kienu tard.

2.2. Petizzjonijiet

In-numru ta' petizzjonijiet lill-Parlament b'informazzjoni rikjesta mill-Kummissjoni tiddependi parzjalment fuq l-interessi taċ-ċittadini. Anki jekk ħafna mill-petizzjoni ma jikkonċernawx, jew ma jwasslux, għal proċedimenti ta' ksur, jipprovdu lill-Parlament u lill-Kummissjoni b'informazzjoni dwar il-ħtiġijiet taċ-ċittadini.

L-ikbar numru ta' petizzjonijiet baqgħu jirrigwardjaw l-ambjent, (146 minn madwar 420 – dwar it-tniġġiż tal-arja, l-ilma u l-ħoss b'mod partikolari), segwiti b'89 petizzjoni fl-oqsma tal-impjiegi, l-affarijiet soċjali u l-ugwaljanza fl-opportunitajiet (Liġi tax-xogħol (30), ugwaljanza bejn is-sessi (28), moviment ħieles tal-ħaddiema u sigurtà soċjali (25)).

Il fuq minn 20 petizzjoni kienu jirrigwardjaw l-appalti pubbliċi (b'mod partikolari proġetti ta' żvilupp urban fi Spanja) madwar 20 kienu dwar ir-rikonoxximent tad-diplomi (b'mod partikolari dwar il-gwidi turistiċi u l-ġhalliema tal-iski), 15 dwar is-servizzi u l-istituzzjonijiet finanzjarji (pagamenti intra-Komunitarji). Dawn il-petizzjonijiet wasslu għal dokument msejjaħ "Equitable Life Report " tal-Parlament Ewropew. Fil-kunetst tal-ġustizzja, libertà u sigurtà, kien hemm aktar minn 30. Kien hemm 21 petizzjoni dwar it-trasport, 16 dwar it-tassazzjoni u l-unjoni doganali (l-aktar dwar tassazzjoni indiretta tal-karozzi u tassazzjoni diretta doppja) u 11 dwar l-agrikoltura.

2.3. Analiżi tas-Settur

Baqa' jkun hemm numru sinifikattiv ta' każijiet ta' ilmenti u ksur dwar l-ambjent, is-suq intern, tassazzjoni u unjoni doganali, enerġija, trasport u impjiegi, affarijiet soċjali u opportunitajiet indaqs kif ukoll dwar is-saħħa u l-affarijiet tal-konsumatur u dwar il-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà, b'ġabra leġiżlattiva dejjem tiżdied li hi ta' interess kbir għaċ-ċittadini.

Analiżi sommarja tal-kwistjonijiet l-aktar kruċjali f'għażla ta' setturi importanti ssegwi u tkopri għadd wiesgħa ta' kwistjonijiet. Aktar dettalji huma mogħtija fid-Dokument tax-Xogħol tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar 'Is-sitwazzjoni fis-setturi differenti'³.

³ SEC(2008) 2854.

Fl-agrikoltura, hemm iktar minn 2400 miżura leġiżlattiva, l-aktar regolamenti. Din il-ġabra ta' liġijiet kienet raġonevolment stabbli, soġġetta għal aġġornament frekwenti u reviżjoni regolari tal-politika. Ħafna mil-liġijiet huma direttament applikabbli, u jikkonċernaw is-sostenn tas-suq finanzjarju, ġestit minn mekkaniżmu ta' verifika tal-konformità sabiex jiġu evitati pagamenti inkoretti mill-baġit tal-Komunità. Dan jirriżulta f'xi proċedimenti legali li jinġiebu mill-Istati Membri kontra l-Kummissjoni, pjuttost milli bil-maqlob. Il-ġestjoni hija garantita permezz ta' 140 kumitat u kumitati tal-esperti. Ġiet introdotta semplifikazzjoni permezz ta' regolament dwar Organizzazzjoni Unika tas-Suq Komuni u permezz tar-riformi fis-setturi tal-inbid u l-frott u l-ħxejjex. Ġew indirizzati d-diffikultajiet fl-applikazzjoni ta' sistema ta' kondizzjonalità għal skemi ta' sostenn dirett. L-attenzjoni daret għal oġġettivi tas-'sanità' tal-ġajnunna diretta li hi aktar effettiva u sempliċi, Il-modernizzazzjoni tas-suq ta' sostenn u l-ħtiġijiet fl-oqsma tal-kambjament tal-klima, il-produzzjoni tal-bijoenerġija, il-ġestjoni tar-riżorsi idriċi u l-bijodiversità.

Is-Suq Intern u s-servizzi, jkompli joħlqu serje wiesgħa ta' kwistjonijiet u proċedimenti ta' ksur, bħall-investiment transkonfinanti u l-forniment ta' servizzi tas-saħħa. It-traspożizzjoni tardiva tad-direttivi baqgħet tkun problema, b'206 azzjonijiet ta' ksur avvati⁴, b'dewmien akkumulat għas-swieq fis-setturi tal-istrumenti finanzjarji, id-Dritt tal-kumpanniji, il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, il-kwalifiki professjonali u l-appalti pubbliċi. Figuri riċenti juru titjib sinifikattiv iżda din it-tendenza għad trid tiġi kkonfermata bħala ta' min joqgħod fuqha. Sforzi ikbar huma meħtieġa fil-qasam tal-istrumenti ta' ġestjoni, pereżempju l-użu tajjeb tan-netwerk fuq tlett livelli ta' kumitat fis-servizzi finanzjarji, u l-gruppi tal-esperti fid-Dritt tal-Kumpaniji u kontra l-ħasil tal-flus.

Moviment ħieles tal-oġġetti mhux soġġett għall-armonizzazzjoni jinvolvi volum kbir ta' xogħol preventiv dettaljat u djalogu mal-Istati Membri u l-Kummissjoni fin-notifika u r-reviżjoni ta' abbozz ġdid ta' regoli tekniċi skont id-Direttiva 98/34. Dan jipprevjeni kwistjonijiet ta' kompatibbiltà ta' regolamenti nazzjonali mad-Dritt Komunitarju u jikkontribwixxi għall-kjarezza, l-effikaċja u, in ġenerali, għall-ġirja lejn Regolamentazzjoni Aħjar. Ħafna mill-kwistjonijiet jiġu riżolti f'żmien ftit xhur. Din id-direttiva tapplika ukoll għar-regolamenti nazzjonali li jirrigwardjaw is-servizzi tas-soċjetà informatika.

L-acquis leġiżlattiv dwar il-moviment ħieles tal-oġġetti huwa relattivament stabbli minbarra l-problema tat-traspożizzjoni tardiva tiegħu, li minħabba f'hekk kienu jinħtieġu 227 azzjonijiet ġodda għall-ksur fl-2007. L-isfida prinċipali tibqa' fil-ħtieġa ta' aġġornament tekniku regolari. L-implimentazzjoni tar-regolament REACH dwar is-sustanzi kimiċi jinħtieġ xogħol prijoritarju matul xi snin fir-rigward ta' twaqqif tal-aġenzija u n-netwerk tal-punti ta' kuntatt.

It-traspożizzjoni tardiva tad-direttivi fil-qasam *tas-saħħa u l-protezzjoni tal-konsumatur* kienet teħtieġ li jiġu mibdija 330 azzjoni ta' ksur. L-Ispezzjonijiet kif ukoll miżuri speċifiċi oħra jkompli jilagħbu parti importanti sabiex jiġu garantiti ikel u oġġetti tal-ikel mhux perikolużi. Attenzjoni speċjali qed tiġi mogħtija sabiex jissaħħaħ in-netwerk għall-Koperazzjoni tal-Protezzjoni tal-Konsumatur sabiex jiġi garantit sostenn effettiv għall-interessi taċ-ċittadini.

Żvilupp mġaħġel tal-acquis jissokta fit-*trasport*. It-traspożizzjoni tardiva tibqa' problematika. Titjib kontinwu fl-iskambju tal-informazzjoni u r-riżoluzzjoni tal-problemi mal-Istati Membri jibqgħu prijoritatiet. Qiegħed isir progress adegwat fit-tranżizzjoni għal reġim legali Komunitarju dwar "Smewwiet Miftuħa" mal-Istati Uniti. L-Implimentazzjoni tal-jeddijiet tal-

⁴ Kollha figuri għall-2007 sakemm mhux indikat mod ieħor.

passigieri tal-ajru, inklużi dawk il-passigieri li għandhom mobilità ridotta, x'aktarx tinħtieġ monitoraġġ mill-qrib. L-ispezzjonijiet jibqgħu jikkostitwixxu garanzija prinċipali għas-sigurtà mingħajr periklu tal-ajru u tal-baħar.

Il-leġislazzjoni UE qed tiżviluppa rapidament anki fis-settur tal-*enerġija*. Sigurtà kkordinata ta' fornituri tal-gass hija sfida kruċjali, bħalma hija sfida l-applikazzjoni tat-tielet pakkett ta' direttivi dwar is-Suq Intern fl-ambitu tal-elettriku u l-gass, filwaqt illi l-missjonijiet ta' verifika u spezzjoni għandhom ikompli jissorveljaw u jaraw li r-regoli dwar ir-radjazzjonijiet u s-salvagwardji nukleari jiġu rrispettati.

Fil-qasam tad-*dwana u t-tassazzjoni diretta u indiretta*, il-kamp ta' applikazzjoni wiesa' tal-acquis u l-limiti tal-armonizzazzjoni jwasslu għal volum kbir ta' proċedimenti ta' ksur u ta' referenzi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex jingħataw deċiżjonijiet preliminari dwar tassazzjoni inġenerali, u dwar il-VAT b'mod speċifiku. Hemm żieda sinifikattiva fil-proċedimenti ta' non-diskriminazzjoni fit-tassazzjoni diretta. Fil-qasam tad-*dwana*, l-isfida hija sabiex tiġi semplifikata l-leġislazzjoni u jiġu razzjonalizzati l-proċeduri. .

Fil-qasam tal-*impjegi, l-affarijiet soċjali u l-opportunitajiet indaqs*, il-volum sinifikattiv ta' proċedimenti ta' ksur minħabba traspożizzjoni tardiva naqas. Madanakollu, il-persjoni tax-xogħol baqgħet kbira fir-rigward tas-sigurtà soċjali, l-moviment ħieles, id-Dritt tax-xogħol u l-ugwaljanza/anti-diskriminazzjoni. Ir-riskju lis-saħħa tal-bniedem ta' mard okkupazzjonali u inċidenti jeħtieġ livell għoli ta' attenzjoni li trid tingħata lid-direttivi tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, inklużi l-industriji tal-kostruzzjoni, marittima u tal-minjieri.

Fil-qasam tas-*soċjetà informatika* il-qafas regolatorju tal-2002 dwar il-komunikazzjonijiet elettroniċi komplew jaffaċċaw volum sinifikattiv ta' kwistjonijiet ta' implimentazzjoni u applikazzjoni ħażina, u l-Kummissjoni pproponiet pakkett ta' strumenti sabiex temenda u tissupplimenta l-qafas eżistenti. L-implimentazzjoni tad-Direttiva riċentement emendata dwar is-Servizzi tal-Medja Awdjoviżivi, tista' tagħti lok għal żieda fin-numru ta' lmenti. It-traspożizzjoni tardiva tad-Direttiva dwar l-Infommazzjoni tas-Settur Pubbliku kkawżat dewmien ta' kważi sentejn fl-evalwazzjoni tal-konformità.

L-acquis dwar id-*Dritt ambjentali* huwa wiesa' u ambizzjuż, japplika għal sitwazzjonijiet differenti fl-Istati Membri, u huwa amministrat minn ħafna aġenziji governattivi differenti li jaġixxu f'livelli differenti u li jagħtu lok għal livell għoli ta' interess pubbliku. Ħafna problemi jiġu kkawżati mit-traspożizzjoni tardiva jew ħażina tad-direttivi, dawn ir-ritardi ħolqu 125 azzjoni għidida għal ksur matul 2007. Ma' dawn għandhom jiżiedu l-isfidi settorjali deskritti fid-dettal fil-Komunikazzjoni dwar 'L-Implimentazzjoni tad-Dritt Ambjentali tal-Komunità Ewropea'⁵.

Sar sforzi sabiex il-liġijiet qodma dwar l-iskart, l-ilma, l-arja u l-emisjonijiet industrijali, jiġu semplifikati u mmodernizzati, sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jiġu mgħejjuna jiffaċċaw il-problemi tal-applikazzjoni ta' dawn il-liġijiet. Id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart kienet riveduta sabiex jiġu kkjarifikati d-definizzjonijiet u sabiex tiġi kkonsolidata u ssemplifikata. Għad hemm dewmien kbir fil-qasam tal-ġestjoni tal-iskart, prinċipalment minħabba nuqqas ta' investiment adegwat. Bl-istess mod, żvilupp infrastrutturali ulterjuri huwa meħtieġ f'eluf ta' ċentri ikbar urbani sabiex bl-iskop illi jkun hemm konformità mad-Direttiva dwar id-Drenaġġ Urban. Id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma hija rappreżentattiva ta' sforz li sar fl-imgħoddi sabiex

⁵ COM(2008) 773.

jigħu ssemplifikati u kkonsolidati liġijiet differenti. Għadd ikbar ta' każijiet huwa mistenni hekk kif it-termini ta' skadenza għall-applikazzjoni ta' diversi dispożizzjonijiet jibdwu jiskadu.

Qed jidhru problemi serji fin-nuqqas ta' ottemperanza mifruxa f'ħafna bliet mal-ammonti limiti tal-kwalità tal-arja, inklużi id-dijossidu tal-kubrit u tal-partikulat. Sar sforz konsiderevoli sabiex jigħu ssemplifikati u rrazzjonalizzati r-regoli dwar l-emissjonijiet industrijali. Iżda kien hemm dewmien estensiv fil-ħruġ tal-permessi għall-eluf ta' installazzjonijiet industrijali u hija sfida kontinwa li żżomm 'l-aħjar tekniki disponibbli' u d-dokumenti ta' referenza aġġornati. Filwaqt illi l-volum ta' ksur tad-Direttiva dwar l-Evalwazzjoni tal-Impatt Ambjentali huwa għoli, anki jekk stabbli, hemm żieda fil-kwantità ta' każi ta' ksur tad-Direttiva dwar l-Evalwazzjoni Strateġika Ambjentali. Dwar it-tibdil tal-klima, teżisti sfida konsiderevoli dwar l-implimentazzjoni ta' Sistema tan- Negozzjar tal-Emissjonijiet, inklużi l-obbligi ta' raportaġġ darbtejn f'sena. Qiegħed isir progress fir-rikonossiment ta' siti skont id-direttivi dwar L-Għasafar u l-Habitat, iżda forzi ulterjuri huma neċessarji sabiex titjieb is-saħħa ta' ċerti habitat u speċijiet.

Fir-rigward tal-*Ġustizzja, il-libertà u s-sikurezza*, l-acquis baqa' jikber b'mod sinifikattiv. L-isfidi prinċipali huma l-implimentazzjoni tempestiva u korretta tal-leġislazzjoni adottata riċentement flimkien mal-ġestjoni tal-kwantità kbira ta' korrispondenza, ilmenti u numru dejjem jżdied ta' każi. Il-konklużjoni fl-2008 ta' studju dwar it-traspożizzjoni ta' għaxar direttivi dwar l-immigrazzjoni u l-ażil, tista' tagħti lok għal proċedimenti ta' ksur, kif jista' jagħti lok ukoll l-iżvilupp tad-drittijiet għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi. Il-kwantità kbira ta' investigazzjonijiet u lmenti dwar id-drittijiet fundamentali, iċ-ċittadinanza u moviment ħieles tal-persuni x'aktarx se tkompli.

3. AZZJONIJIET TA' PRIJORITÀ

3.1. Azzjoni 1: It-tisħiħ tal-miżuri preventivi

Sabiex tiġi garantita l-applikazzjoni effettiva tad-Dritt Komunitarju f'UE li tgħodd 27 pajjiż, huwa importanti li jigħu msaħħa l-isforzi sabiex jiġi evitat ksur tal-liġi. L-azzjoni korrettiva fuq ksur identifikat neċessarjament tiġi wara li ċ-ċittadini u l-azzjendi jkunu ġew iddeprivati mill-benefiċċju sħiħ tad-Dritt. Jinhtiegħ sforz sostenut mill-Kummissjoni u mill-Istati membri sabiex tiġi rranġata din is-sitwazzjoni.

a) Strumenti leġislattivi mtejbja

Sforzi kbar qegħdin isiru sabiex jigħu garantiti il-kjarezza, is-sempliċità, l-operabilità u l-infurzar tal-leġislazzjoni. Qed tingħata attenzjoni iktar għall-aspetti tal-implimentazzjoni, il-ġestjoni u l-infurzar fl-iżvilupp ta' proposti, fl-istadju tal-evalwazzjoni tal-impatt u matul iċ-ċiklu tal-politika. Il-linji gwida tal-evalwazzjoni tal-impatt qegħdin jigħu mibdula sabiex jiggarantixxu li l-għażla tal-implimentazzjoni u l-infurzar, kif ukoll l-għażla tal-istrument legali, jkunu soġġetti għal eżami approfondit.

Ir-regolamenti għandhom ikunu proposti kull meta jkun xieraq għall-miżuri ta' implimentazzjoni teknika. Pereżempju, ir-regolamenti ġew adottati għat-tariffi itineranti, ġew proposti għall-prodotti kożmetiċi u ta' kostruzzjoni u qegħdin jigħu kkunsidrati għas-saħħa tal-annimali, il-bijoċidi u t-tessuti. Fil-qasam tal-vetturi motorizzati, regoli ta' qafas qegħdin issa jigħu implimentati permezz tar-regolamenti tal-Kummissjoni. Ir-regolamenti huma użati sabiex jigħu implimentati direttivi għall-professjonijiet irregolati u sabiex jigħu implimentati standards

tekniċi fir-rigward ta' eko-disinn għall-prodotti li jużaw l-enerġija. Ir-regolamenti ġew adottati fir-rigward tal-armonizzazzjoni permezz tar-REACH u ġew proposti fir-rigward tar-rikonossiment reċiproku tal-moviment ħieles tal-oġġetti.

Il-Parlament u l-Kunsill għandhom jikkontribwixxu għall-kjarezza u s-sempliċità tal-leġislazzjoni meta jiġu biex jeżaminaw il-proposti flimkien mal-Kummissjoni fil-proċedura ta' kodeċiżjoni.

b) Il-preparazzjoni tal-implimentazzjoni korretta tad-Dritt Komunitarju

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri qegħdin jaħdmu sabiex itejbu t-traspożizzjoni tad-direttivi. L-għan tal-Kummissjoni huwa li tiggarrantixxi pjani ta' traspożizzjoni bbażati fuq analiżi tar-riskji, li jidentifikaw ix-xogħol neċessarju skont il-kontenut u l-livell ta' diffikultà probabbli tal-implimentazzjoni, liema pjani jiġu mal-proposti għal direttivi ġodda permezz ta' ċiklu leġislattiv. Il-Kummissjoni sejra twaqqaf networks ta' uffiċjali responsabbli fl-Istati Membri għat-traspożizzjoni tad-direttivi kollha li huma ġodda u għall-iskambju ta' mistoqsijiet u tweġibiet online.

Seminari dwar it-traspożizzjoni qegħdin jiġu organizzati għall-ħafna mid-direttivi l-ġodda inklużi l-professjonjiet regolati, l-assikurazzjoni, il-banek, is-sigurtajiet, id-Dritt tal-kumpanniji, il-kontabilità u l-awditjar fis-Suq Intern. Il-laqgħat dwar il-pakkett tat-Traspożizzjoni qegħdin ikomplu f'oqsma differenti. Il-laqgħat frekwenti tal-Grupp tar-Regolaturi u tal-Kumitati tal-Kuntatt dwar id-Direttiva tas-Servizzi tal-Medja Awdjoviżivi jgħinu fil-kwistjonijiet ta' traspożizzjoni. Il-Grupp ta' Esperti dwar il-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Inkwintament Industrijali (IPPC) qiegħed jiġi mibdul fil-Grupp tal-Esperti dwar l-Emissjonijiet Industrijali (EIG), b'mandat usa' fuq it-traspożizzjoni. Sitt laqgħat tal-gruppi tal-esperti nżammu fl-2007 u sitta oħra huma prenotati fl-2008 u jittrattaw l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi.

Jista' jkun hemm bżonn ta' estensjoni tal-perjodi tat-traspożizzjoni għal daww l-istrumenti l-iktar kumplessi, bħall-perjodu tat-tlett snin propost għad-Direttiva tas-Solvibiltà II dwar l-assikurazzjoni. F'ċirkostanzi partikolari, xi elementi differenti tat-traspożizzjoni jistgħu jiġu introdotti b'termini ta' skadenza differenti, b'hekk ikun possibbli li jitjiebu r-rintraċċar, l-identifikazzjoni u t-teħid ta' azzjoni korrettiva.

Il-Kummissjoni taħdem ukoll flimkien mal-amministrazzjonijiet u l-partijiet interessati tal-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tempestiva u l-infurzar korrett tar-regolamenti permezz tal-iżvilupp ta' proċeduri mtejba tal-Istati Membri, formula standard għall-ilmenti u dokument gwida għar-regolamentazzjoni tad-drittijiet tal-passiġġieri li jivvjaġġaw bl-ajru.

c) Evalwazzjoni ta' konformità tal-miżuri tat-Traspożizzjoni u l-prevenzjoni ta' applikazzjoni ħażina

Qegħdin jiġu adoperati numru ta' strumenti fi sforz sabiex tiġi prevenuta n-nuqqas ta' konformità tal-liġijiet tal-Istati Membri mad-Dritt Komunitarju u l-applikazzjoni ħażina tad-Dritt Komunitarju mill-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri. Dawn jinkludu l-evalwazzjoni tal-konformità tat-testi trasposti, laqgħat tal-gruppi tal-esperti, spezzjonijiet, kwestjonarji, rapporti tal-implimentazzjoni, missjonijiet esplorattivi, notifika bil-quddiem ta' abbozz ta' regolament tekniċi ġodda, u studji u analiżi.

L-evalwazzjoni ta' konformità hija bbażata fuq l-analiżi tar-riskju, u jiġu kkunsidrati l-esperjenza tal-affidabilità tat-traspożizzjoni, il-kontenut tal-miżura, ix-xogħol li jsir bi tnejn għat-traspożizzjoni u r-raportagħ tal-partijiet interessati.

Filwaqt li l-evalwazzjoni ta' konformità tilgħab parti importanti f'ħafna oqsma, inkluż fid-Dritt ambjentali, oqsma oħra bħall-qasam tal-ikel tal-annimali u dak uman jeħtieġu verifika mis-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri permezz ta' spezzjonijiet mill-Uffiċċju Alimentari u Veterinarju. Qegħdin jiġu organizzati forom oħra ta' spezzjonijiet f'oqsma bħas-sigurtà u s-sikurezza marittima u tal-avjazzjoni u s-salvagwardji nukleari.

d) Ġestjoni attiva: Ir-rwol tal-kumitati u tal-gruppi tal-esperti

Madwar 260 kumitat u 1200 gruppi tal-esperti jiġġestixxu l-acquis, jaġġornaw ir-rekwiżiti tekniċi u jgħinu biex tiġi identifikata l-ħtieġa għal emenda leġislattiva. Huma jaħdmu fuq linji gwida interpretattivi, kodiċijiet ta' kondotta, diffikultajiet speċifiċi u modi kif iżidu l-effiċjenza fl-applikazzjoni tal-leġislazzjoni. L-ONG, l-azjendi u partijiet interessati oħrajn jagħtu kontribut kbir ukoll. Fis-settur tal-agrikoltura waħdu, fl-2007 saru 256-il laqgħa ta' 31 kumitat tal-ġestjoni u tar-regolamentazzjoni u 118-il laqgħa tal-gruppi konsultattivi u tal-esperti. Ġew adottati 38 linji gwida li jirrigwardjaw il-prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti, filwaqt illi saru sforzi konsiderevoli, permezz ta' laqgħat tal-esperti, gwida u taħriġ dwar is-sikurezza fil-qasam tal-ikel. Fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, hemm tliet livelli ta' kumitati illi jsostnu l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni komuni tal-liġi u li jtejbju l-ġestjoni Prattika.

3.2. Azzjoni 2: Il-forniment tal-informazzjoni u r-risoluzzjoni tal-problemi għaċ-ċittadini u n-negozji

Il-portata u l-volum sinifikattivi tal-ġabra tal-liġijiet tal-Komunità li japplikaw fis-27 Stat Membru, tqajjem neċessarjament ħafna mistoqsijiet, investigazzjonijiet u lmenti. L-interessi taċ-ċittadini u n-negozji jiġu servuti l-aħjar jekk jinstabu soluzzjonijiet rapidi u informali. Ħafna kwistjonijiet jistgħu jiġu ffaċċjati bl-aktar mod effiċjenti permezz ta' skambju inizjali ta' informazzjoni u risoluzzjoni tal-problemi bbażata fuq il-koperazzjoni. Il-Kummissjoni twieġeb liċ-ċittadini permezz tal-Europe Direct, is-Servizz ta' Informazzjoni għaċ-Ċittadini, ECC-Net, Euro-jus, kif ukoll b'volum kbir ta' xogħol mis-servizzi tal-Kummissjoni.

Id-Dritt Komunitarju jipprovdi xi mekkaniżmi ta' rikors għaċ-ċittadini sabiex ikunu jistgħu jitolbu d-drittijiet tagħhom fil-konfront ta' operaturi ta' negozji, bħall-proċeduri speċifiċi tal-ġestjoni tal-ilmenti fir-rigward tad-drittijiet tal-passiġġieri li jivvjaġġaw bl-ajru, ir-risoluzzjoni tat-tilwim fir-rigward tad-Direttiva tas-Servizz Universali fit-telekomunikazzjoni u l-koperazzjoni għall-infurzar tal-liġijiet għall-protezzjoni tal-konsumatur. Il-Kummissjoni tikkordina n-netwerk SOLVIT, fejn l-Istati Membri jaħdmu flimkien sabiex isolvu problemi transkonfinanti mingħajr ma jirrikorru għall-proċedimenti legali, li jiġu maħluqa potenzjalment minn applikazzjoni ħażina tal-liġi tas-Suq Intern mill-awtoritajiet pubbliċi.

Barraminnekk, il-Kummissjoni nidiet EU PILOT sabiex jipprovdi tweġibiet iktar rapidi u aħjar għall-mistoqsijiet u soluzzjonijiet għall-problemi li jinqalgħu fl-applikazzjoni tal-liġijiet tal-UE li jeħtieġu konferma tal-pożizzjoni fattwali u legali fl-Istat Membru. Fmista' il Stat Membru qed jipparteċipa. Dan il-proġett beda fil-15 ta' April 2008. Sa nofs Settembru, iktar minn 130 każ kienu daħlu fis-sistema, f'oqsma bħas-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol, is-sigurtà soċjali u l-moviment ħieles tal-ħaddiema, kwistjonijiet tal-viża, moviment ħieles tal-persuni, il-protezzjoni tad-dejta personali, l-appalti pubbliċi, d-Dritt ambjentali, il-moviment

ħieles tal-oġġetti u t-tassazzjoni indiretta u diretta. Evalwazzjoni inizjali tal-proġett għandha ssir wara sena.

Dawn l-istrumenti jirrappreżentaw impenn importanti tal-Kummissjoni u l-Istati Membri sabiex jgħinu liċ-ċittadini u lill-azjendi, sabiex jaħdmu aktar mill-qrib flimkien sabiex jieħdu l-massimu tal-benefiċċji mill-UE.

3.3. Azzjoni 3: Ġestjoni tal-ilmenti u l-ksur- prijoritizzazzjoni skont is-settur

Sabiex ikun hemm infurzar tad-Dritt Komunitarju effettiv u effiċjenti f'UE b'27 Stat Membru jinħtieġ li l-Kummissjoni tistabilixxi prijoritajiet ċari dwar l-infurzar. L-għan huwa li jittieħed l-ikbar benefiċċju għaċ-ċittadini u l-azjendi. Sabiex tagħmel dan il-Kummissjoni għandha tagħti priorità lix-xogħol fuq il-ksur li għandu l-ikbar impatt fuq il-ġid ġenerali. Il-Kummissjoni sejra tiġġestixxi wkoll każi oħra permezz tal-mekkaniżmi tar-risoluzzjoni tal-problemi, bħas-SOLVIT jew l-EU PILOT. Ta' spiss dawn il-każi, meta l-koperazzjoni mal-Istati Membri fl-aċċertamenti tas-sitwazzjoni fattwali u legali fir-rigward ta' lment tista' tkun utli, jistgħu jiġu ġestiti iktar effiċjentement permezz ta' tali mekkaniżmi u għalhekk ir-risultat għaċ-ċittadin individwali jista' jkun imtejjeb. Jekk ikun hemm il-ħtieġa, ikun hemm rikors għall-proċedimenti ta' ksur. Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-2007, il-Kummissjoni stabbilit prijoritajiet ġenerali, bil-possibilità li tiżviluppa kriterji għall-prijoritizzazzjoni għal kwalunkwe settur partikolari. B'dan il-mod, il-Kummissjoni tkun qed tiżgura illi jkun hemm segwitu garantit fuq il-kwistjonijiet kollha, billi tevalwa l-mezzi l-aktar adegwati sabiex tilħaq risultat rapidu u tajjeb, u fl-istess ħin tirriżerva d-dritt li tibda proċedimenti formali dwar kwalunkwe ksur ta' Dritt Komunitarju u żżomm il-garanziji tal-Komunikazzjoni tal-2002 dwar ir-relazzjonijiet ma' min jilmenta⁶.

Xi eżempji ta' prijoritajiet, spjegati f'aktar dettal fid-Dokument tax-Xogħol tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar 'Is-sitwazzjoni f'setturi differenti' - SEC(2008) 2854 – jinkludu:

- *Suq intern u servizzi* – prijoritajiet tal-politika jiffokaw fuq ksur tad-Dritt Komunitarju (1) il-vjolazzjoni tal-libertajiet fundamentali għandha impatt wiesa' fuq id-drittijiet taċ-ċittadini, (2) it-theddid tal-funzjonament kumplessiv tal-leġiżlazzjoni settorjali jew l-involvement ta' preċedenti legali importanti jew (3) jew li jistgħu probabbilment ikollhom impatt ekonomiku importanti fuq is-suq intern jew fuq settur speċifiku tiegħu. Fis-settur tas-servizzi, ix-xogħol iffoka fuq każi ta' diskriminazzjoni abbażi ta' nazzjonalità ċara jew l-impatt fuq kategoriji ta' fornituri ta' servizz f'setturi importanti.
- *Servizzi Finanzjarji* – kwistjonijiet bħar-restrizzjoni ta' investiment ibbażata fuq konsiderazzjonijiet tas-sigurtà nazzjonali li jaffettwaw l-iskemi tal-pensjonijiet.
- *Drittijiet tal-Impjiegi, il-liġi tax-xogħol, is-sigurtà soċjali u l-anti-diskriminazzjoni* – fejn hemm konsegwenzi importanti għaċ-ċittadini, il-prijoritizzazzjoni tista' tiġġenera l-ikbar benefiċċju għall-akbar numru. Miżuri komplimentari sejin jiġu applikati sabiex jgħinu liċ-ċittadini jsibu soluzzjonijiet għall-problemi individwali tagħhom u s-sitwazzjoni iġenerali sejra tkun sorveljata bl-iskop li titieħed azzjoni ulterjuri.
- *Drittijiet fundamentali, moviment ħieles tal-persuni, l-immigrazzjoni, aži, ċittadinanza u ġustizzja ċivili* – se tibqa' tingħata priorità lill-problemi li għandhom impatt vast fuq id-drittijiet fundamentali u fuq il-moviment ħieles u fuq kwistjonijiet tal-liġi ċivili f'każi

⁶ COM(2002) 141.

matrimonjali u ta' responsabbiltà tal-ġenituri. Miżuri komplimentari sejin jiġu applikati sabiex jgħinu liċ-ċittadini jsibu soluzzjonijiet għall-problemi individwali tagħhom u s-sitwazzjoni inġenerali sejra tkun sorveljata bl-iskop li ttitiehed azzjoni ulterjuri.

- *L-Ambjent* – il-ġestjoni kollettiva ta' ksur individwali simili permezz ta' każijiet orizzontali, bħalma huma l-ġestjoni tal-iskart u l-inkwinament tal-arja; Proġetti infrastrutturali kbar, speċjalment dawk li jirċievu finanzjament Komunitarju; ksur fejn ċittadini ġew esposti fuq skala sinifikattiva jew repetutament għall-ħsara diretta jew detriment serju għall-kwalità tal-ħajja tagħhom⁷.
- *Trasport* – sikurezza tal-passiġġieri u sigurtà tal-operazzjonijiet kif ukoll is-sostennibiltà tal-politiki li għandhom impatt wiesa'.
- *Enerġija* – azzjonijiet li għandhom impatt sinifikattiv fil-ġlieda kontra t-tibdil tal-klima u li jiggarrantixxu provvista tal-enerġija żgura u kompetittiva.
- *Is-soċjetà Informatika* – kwistjonijiet ta' importanza sistematika li jirrigwardaw il-funzjonament tar-regolaturi nazzjonali, kwistjonijiet ta' protezzjoni tal-konsumatur (bħan-numru ta' emerġenza Ewropew 112) fit-telekomunikazzjonijiet, regoli tal-irreklamar televiżiv, il-protezzjoni tal-minuri u l-prevenzjoni għall-inċitament għall-mibegħda razzjali fuq il-medja, kif ukoll l-aċċess non-diskriminatorju għall-informazzjoni tas-settur pubbliku.
- *Politika ta' Kompetizzjoni* – il-kompetizzjoni effettiva f'network illiberalizzat ta' industriji bħas-suq tal-enerġija, inkluż l-aċċess non-diskriminatorju għall-infrastruttura u s-servizzi finanzjarji. Irkupru f'każijiet ta' għajjuna illegali mill-istat.

4. TIBDIL FIL-LIĠI FID-DAWL TAL-ESPERJENZA

L-acquis qed ikompli jiżviluppa fid-dawl tal-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni. Hemm hteġa li jissaħħaħ iċ-ċiklu għar-regolamentazzjoni aħjar, li tintagħżel l-aktar reazzjoni xierqa għal kull tip ta' kwistjoni fil-punt rilevanti taċ-ċiklu biex ikun żgurat li l-informazzjoni dwar l-applikazzjoni tkun ta' sors għall-istħarriġ legali.

F'xi oqsma, bħall-kontribut tal-partiċelli għat-tniġġiż tal-arja jew it-trattament tal-iskart taż-żjut, bidla leġislattiva tista' ttejjeb l-għanijiet, temenda dispożizzjonijiet sostantivi, iddewwem l-implimentazzjoni jew tintroduċi aktar flessibbiltà fil-ħtiġijiet b'reazzjoni għad-diffikultajiet li jinstabu. F'oqsma oħrajn, qed jiġu introdotti aġġornar sostanzjali, simplifikazzjoni amministrattiva u ġestjoni mtejba, pereżempju fil-kodiċi doganali. It-tielet pakkett leġislattiv indirizza diffikultajiet strutturali fil-ftuħ tas-swieq tal-elettriku u tal-gass. Il-kjarifika u r-riformulazzjoni leġislattivi huma fi stadji differenti tal-iżvilupp fil-każ tat-tikkettar tal-ikel u tal-ġhalf, il-kummerċjalizzazzjoni u l-ħarsien tal-pjanti. Saru jew qed isiru żviluppi leġislattivi sinifikanti rigward ir-rikonossiment reċiproku tal-moviment ħieles tal-merkanzija u f'setturi bħal dawk tal-karozzi u tal-inġenji mediċi, il-prodotti farmaċewtiċi u l-ħlas tard b'enfażi partikolari fuq in-negozji ż-żgħar.

⁷ Ara ulterjorment COM(2008) 773.

5. KONKLUŻJONIJIET

Dan ir-rapport jenfasizza l-hteġa għal kooperazzjoni proattiva kontinwata bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri sabiex jiżguraw il-ġestjoni ġenerali tal-liġi u sabiex jaħdmu bi sħubija biex jiżguraw reazzjonijiet ta' malajr u effettiva għat-tħassib taċ-ċittadini u r-rimedjar ta' ksur li l-importanza tiegħu tkun ġiet enfasizzata mill-Parlament. Azzjoni koordinata mill-Kummissjoni u l-Istati Membri, mfassla apposta għal sfidi speċifiċi għandha tipproduċi l-aħjar riżultati. Il-Kummissjoni se tibqa' vigilantli fil-ħidma biex tiskopri ksur u se tkompli taħdem mill-qrib mal-Parlament Ewropew fir-rappurtar u d-diskussjoni dwar żviluppi fl-applikazzjoni tad-Dritt Komunitarju.

L-applikazzjoni effettiva tad-Dritt Komunitarju għadha taffaċċja sfidi kbar, bħat-traspożizzjoni tard mifruxa tad-direttivi. Xi oqsma tad-Dritt Komunitarju jibqgħu wkoll iwasslu għal numru għoli ta' pretensjonijiet minn ċittadini u negozji dwar il-ksur tad-drittijiet tagħhom taħt id-Dritt Komunitarju. Fis-sena li jmiss, il-Kummissjoni se tikkonċentra b'mod partikolari fuq il-miżuri li ġejjin:

- Li tittratta l-problema tat-traspożizzjoni tard mifruxa tad-direttivi;
- Li żżid il-miżuri preventivi, inkluż il-hteġa kontinwata ta' żvilupp tal-analiżi ta' kwistjonijiet ta' implimentazzjoni u konformità meta jiġu mħejjija Stimi tal-Impatt;
- It-titjib tal-informazzjoni u tar-riżoluzzjoni informali tal-problemi fis-servizz taċ-ċittadini u n-negozju; u
- Il-prijoritizzazzjoni tal-aktar każijiet importanti u l-ħidma mill-qrib mal-Istati Membri biex il-korrezzjoni tal-ksur issir aktar mgħaġġla.